SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

18 ta' Lulju 2013 *

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Regolament (KE) Nru 1829/2003 — Għalf — Ikel immodifikat ġenetikament — Produzzjoni, tqegħid fis-suq jew użu — Projbizzjoni nazzjonali li għadha ma daħlitx fis-seħħ"

Fil-Kawża C-313/11,

li għandha bħala suġġett rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu abbażi tal-Artikolu 258 TFUE, ippreżentat fl-20 ta' Ġunju 2011,

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn D. Bianchi u A. Szmytkowska, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

rikorrenti,

vs

Ir-Repubblika tal-Polonja, irrappreżentata minn M. Szpunar bħala aġent,

konvenuta,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla),

komposta minn A. Borg Barthet, li qed jaġixxi bħala President tal-Ħames Awla, M. Safjan u M. Berger (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Mengozzi,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Pollakk.

Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni Ewropea titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li, billi pprekludiet il-produzzjoni, it-tqegħid fis-suq u l-użu, fil-qasam tal-għalf fil-Polonja, l-għalf li huwa mmodifikat ġenetikament kif ukoll l-organiżmi mmodifikati ġenetikament maħsuba sabiex jintużaw fl-għalf, ir-Repubblika tal-Polonja ma wettqitx l-obbligi tagħha skont l-Artikoli 16(5), 19, 20 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Settembru 2003, dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 32, p. 432).

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

2 Skont il-premessi 3, 4, 7 u 30 tar-Regolament Nru 1829/2003, bil-għan li tiġi protetta s-saħħa umana u tal-annimali u sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusti u leali, il-prodotti tal-ikel u l-għalf li jinkludu organiżmi mmodifikati ġenetikament (iktar 'il quddiem l-"OMĠ"), li jikkonsistu f'tali organiżmi jew prodotti derivati minnhom (iktar 'il quddiem il-"prodotti tal-ikel u l-għalf mmodifikati ġenetikament") għandhom jiġu ssuġġettati għal evalwazzjoni tan-nuqqas ta' effetti negattivi, qabel it-tqegħid fis-suq tagħhom fi ħdan l-Unjoni Ewropea, skont proċedura Komunitarja waħda, effikaċi u trasparenti.

3 L-imsemmi regolament jiddikjara fil-premessa 31 tiegħu li, bil-għan li tiġi żgurata l-armonizzazzjoni tagħhom fil-livell xjentifiku, l-evalwazzjonijiet tal-prodotti tal-ikel u tal-għalf immodifikati ġenetikament għandhom isiru mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel.

4 L-Artikolu 15 tal-imsemmi regolament, intitolat "Kamp ta' applikazzjoni", jipprevedi fil-paragrafu 1 tiegħu li d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-awtorizzazzjoni relatata mal-għalf immodifikat ġenetikament kif ukoll ir-regoli fir-rigward tas-sorveljanza japplikaw għal:

"[...]

a) [...] OMĠ għall-użu f'għalf;

b) [...] għalf li jkun fih jew jikkonsisti f'OMĠ;

ċ) [...] għalf prodott minn OMĠ."

5 L-Artikolu 16 ta' dan ir-regolament, intitolat "Ħtiġiet", jipprevedi fil-paragrafi 1(a), 2, 3 u 5 tiegħu:

"1. Għalf imsemmi fl-Artikolu 15(1) ma għandux:

a) ikollu effetti negattivi fuq is-saħħa umana, is-saħħa ta' l-annimali jew l-ambjent;

[...]

2. Ħadd ma għandu iqiegħed fis-suq, juża jew jipproċessa prodott imsemmi fl-Artikolu 15(1) jekk ma jkunx kopert b'awtorizzazzjoni maħruġa skont din is-Sezzjoni u jekk ma jiġux sodisfatti l-kondizzjonijiet rilevanti tal-awtorizzazzjoni.

3. L-ebda prodott imsemmi fl-Artikolu 15(1) ma għandu jiġi awtorizzat sakemm l-applikant għal dik l-awtorizzazzjoni ma jurix adegwatament u suffiċjentement li jissodisfa l-ħtiġiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

[...]

5. Awtorizzazzjoni kif imsemmija fil-paragrafu 2 ma għandhiex tingħata, tiġi rifjutata, mġedda, modifikata, sospiża jew revokata ħlief għar-raġunijiet u skont il-proċeduri stabbiliti f'dan ir-Regolament.

[…]"

6 L-Artikoli 17 sa 19 tal-imsemmi regolament jirregolaw il-proċedura ta' awtorizzazzjoni. L-Artikolu 19 jippreċiża, b'mod partikolari, li l-Kummissjoni hija kompetenti sabiex tagħti l-awtorizzazzjoni.

7 L-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 1829/2003 jirregola l-istatus tal-prodotti eżistenti u jipprevedi l-kundizzjonijiet li abbażi tagħhom dawk il-prodotti, meta dawn ikunu ġew ikkummerċjalizzati legalment qabel id-data ta' applikazzjoni tar-regolament Nru 1829/2003, jistgħu jkomplu jiġu kkummerċjalizzati, użati jew ipproċessati jekk jiġu sodisfatti ċerti kundizzjonijiet.

8 L-Artikolu 34 tal-imsemmi regolament jipprovdi li fil-każ ta' riskju gravi li jirriżulta minn prodott għas-saħħa umana, is-saħħa tal-annimali jew l-ambjent, jistgħu jiġu adottati miżuri ta' emerġenza skont il-proċeduri msemmija fl-Artikoli 53 u 54 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-28 ta' Jannar 2002, li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 6, p. 463).

9 L-Artikoli 53 u 54 tar-Regolament Nru 178/2002 jipprovdu li, f'tali każ, l-adozzjoni tal-miżuri adatti hija rriżervata għall-Kummissjoni u Stat Membru jista' jadottahom esklużivament fil-każ ta' nuqqas ta' azzjoni minn dik l-istituzzjoni.

Id-dritt Pollakk

10 Il-punt 4 tal-Artikolu 15(1) tal-liġi dwar l-għalf tat-22 ta' Lulju 2006 (Dz. U nº 144, pożizzjoni 1045, iktar 'il quddiem il-"liġi APA"), jipprovdi li l-produzzjoni, it-tqegħid fis-suq u l-użu fl-għalf fil-Polonja ta' għalf immodifikat ġenetikament, kif ukoll l-OMĠ maħsuba sabiex jintużaw fl-għalf, huma pprojbiti (iktar 'il quddiem il-"projbizzjoni kkontestata").

11 Skont l-Artikolu 53.5 tal-liġi APA, kull min jikser il-projbizzjoni kkontestata huwa punibbli b'multa.

12 Din il-projbizzjoni kellha tidħol fis-seħħ, skont l-Artikolu 65 tal-liġi APA, sentejn wara l-pubblikazzjoni tagħha, jiġifieri fit-12 ta' Awwissu 2008.

13 Fis-26 ta' Ġunju 2008, il-leġiżlatur Pollakk adotta l-liġi li temenda l-liġi APA (Dz. U. nº144, pożizzjoni 899 li daħlet fis-seħħ fit-12 ta' Awwissu 2008, li emendat l-Artikolu 65 tal-liġi APA billi aġġornat id-data tad-dħul fis-seħħ tal-projbizzjoni kkontestata għall-1 ta' Jannar 2013.

Il-proċedura prekontenzjuża

14 Fl-24 ta' Ottubru 2006, wara li kisbet konjizzjoni tad-data tad-dħul fis-seħħ tal-liġi APA, il-Kummissjoni bagħtet ittra lir-Repubblika tal-Polonja fejn hija kkunsidrat li l-projbizzjoni kkontestata kienet tikkostitwixxi ksur tar-Regolament Nru 1829/2003, sa fejn din kienet tinċidi fuq il-kummerċjalizzazzjoni, iċ-ċirkulazzjoni u l-użu ħielsa tal-għalf diġà approvat permezz ta' dak ir-regolament.

15 Permezz ta' ittra tat-28 ta' Novembru 2006, ir-Repubblika tal-Polonja rrispondiet billi enfasizzat il-"pożizzjoni qafas" adottata mill-kunsill tal-ministri Pollakk fil-kuntest tad-diskussjoni politika u soċjali fil-Polonja dwar l-għalf immodifikat ġenetikament, li fiha dan tal-aħħar iddikjara ruħu kontra l-introduzzjoni fis-suq ta' tali għalf. Dak l-Istat Membru informa lill-Kummissjoni, b'mod partikolari, b'diversi studji pendenti fuq l-effett ta' din il-projbizzjoni fuq il-produzzjoni u l-offerta ta' għalf immodifikat ġenetikament kif ukoll fuq il-possibbiltà li dawn jiġu ssostitwiti billi kkonferma li d-deċiżjoni definittiva dwar id-dispożizzjoni kkontestata kellha tittieħed qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tagħha, jiġifieri qabel it-12 ta' Awwissu 2008.

16 Fit-23 ta' Marzu 2007, il-Kummissjoni bagħtet ittra ta' intimazzjoni lir-Repubblika tal-Polonja, fejn hija ppreċiżat li l-OMĠ fis-sens tar-Regolament Nru 1829/2003 ma jistgħux jiġu pprojbiti ħlief f'każijiet eċċezzjonali, li l-kundizzjonijiet tagħhom ma jistgħux jiġu sodisfatti fil-każ odjern. Għaldaqstant, billi pprekludiet il-produzzjoni, it-tqegħid fis-suq u l-użu fl-għalf fil-Polonja ta' għalf immodifikat ġenetikament kif ukoll l-OMĠ maħsuba sabiex jintużaw fl-għalf, ir-Repubblika tal-Polonja ma wettqitx l-obbligi tagħha skont ir-Regolament Nru 1829/2003.

17 Fit-22 ta' Mejju 2007, ir-Repubblika tal-Polonja talbet lill-Kummissjoni sabiex ittawwal it-terminu għar-risposta tal-ittra ta' intimazzjoni tat-22 ta' Ġunju 2007 billi kkonfermat li "ir-riskji assoċjati mal-użu tal-prodotti immodifikati ġenetikament għall-bniedem, l-annimali u l-ambjent iqajmu ħafna tħassib". Hija kkonfermat ukoll li, sabiex tipprepara r-risposta tagħha, hija kellha r-responsabbiltà li tieħu inkunsiderazzjoni l-osservazzjonijiet u l-opinjonijiet ta' diversi esperti, u dan jirrendi neċessarju t-twettiq ta' konsultazzjonijiet, ta' investigazzjonijiet u ta' intervisti, kif ukoll l-analiżi ta' numru kbir ta' dokumenti. Il-Kummissjoni laqgħet din it-talba permezz tal-ittra tal-31 ta' Mejju 2007.

18 Permezz ta' ittra tat-22 ta' Ġunju 2007, ir-Repubblika tal-Polonja rrispondiet għall-ittra ta' intimazzjoni billi tenniet essenzjalment l-istess argumenti mressqa fl-ittra tat-28 ta' Novembru 2006.

19 Peress li ma kinitx sodisfatta b'dik ir-risposta, il-Kummissjoni, fit-23 ta' Ottubru 2007, bagħtet opinjoni mmotivata lir-Repubblika tal-Polonja, fejn stednitha tadotta l-miżuri neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mal-obbligi tagħha f'terminu ta' xahrejn minn meta tirċievi din l-opinjoni li jiġifieri bl-istess mod mit-23 ta' Ottubru 2007.

20 Filwaqt li invokat id-diffikultà, fid-dawl tal-ħatra riċenti tiegħu, li kellu l-ministru tal-Agrikoltura u l-Iżvilupp rurali sabiex jadotta deċiżjoni tempestiva fuq il-pożizzjoni finali li għandha tiġi adottata inkonnessjoni mal-ksur allegat, ir-Repubblika tal-Polonja talbet estensjoni tat-terminu tar-risposta għall-opinjoni mmotivata sat-13 ta' Diċembru 2007. Dik it-talba nċaħdet mill-Kummissjoni, peress li l-kundizzjonijiet applikabbli ma kinux ġew sodisfatti.

21 Fir-risposta tagħha għall-opinjoni mmotivata tal-21 ta' Jannar 2008, l-imsemmi Stat Membru ddikjara t-tħassir tal-Artikolu 15(4) tal-liġi APA.

22 Peress li ma rċeviet l-ebda informazzjoni dwar dak it-tħassir, il-Kummissjoni talbet, permezz ta' ittra tas-16 ta' Ġunju 2008, li tiġi informata, kemm jista' jkun malajr, dwar it-tħassir tal-projbizzjoni kkontestata.

23 Permezz ta' ittra tas-26 ta' Ġunju 2008, ir-Repubblika tal-Polonja informat lill-Kummissjoni li l-ħidma leġiżlattiva relatata mal-abbozz ta' emenda tal-liġi APA kienet pendenti u li l-projbizzjoni kkontestata kellha tidħol fis-seħħ mhux fit-12 ta' Awwissu 2008, iżda fl-1 ta' Jannar 2012. Fir-realtà, l-emenda adottata mil-leġiżlatur Pollakk estendiet dik id-data għall-1 ta' Jannar 2013.

24 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni ddeċidiet li tippreżenta r-rikors odjern.

Fuq ir-rikors

L-argumenti tal-partijiet

25 Preliminarjament, fir-rigward tal-argument imressaq mir-Repubblika tal-Polonja li l-*vacatio legis* li jikkonċerna l-projbizzjoni kkontestata prevista sal-1 ta' Jannar 2013 effettivament jippermetti li tiġi kkonservata, b'mod konformi mar-Regolament Nru 1829/2003, il-possibbiltà ta' produzzjoni, kummerċjalizzazzjoni u użu ta' għalf immodifikat ġenetikament, il-Kummissjoni, filwaqt li tibbaża ruħha, b'mod partikolari, fuq is-sentenzi tad-29 ta' Ottubru 1998, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-185/96, Ġabra p. I-6601) u tat-28 ta' Novembru 2002, Il-Kummissjoni vs Franza (C-259/01, Ġabra p. I-11093), issostni li l-adozzjoni tal-projbizzjoni kkontestata u l-aġġornament tad-dħul fis-seħħ tagħha jmorru kontra l-prinċipju ta' ċertezza legali.

26 F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tippreċiża li peress li r-Repubblika tal-Polonja ma ħassritx il-projbizzjoni kkontestata, il-produtturi tal-għalf ikkonċernati li huma, b'mod partikolari, obbligati li jsibu sorsi ġodda ta' materja prima, jinsabu f'sitwazzjoni legali inċerta minħabba r-riskju ta' aġġornament ġdid tad-dħul fis-seħħ ta' dik il-projbizzjoni.

27 F'dan il-kuntest, filwaqt li tibbaża ruħha fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni fakkret li Stat Membru jikser id-dritt tal-Unjoni, mhux biss jekk huwa jżomm fis-seħħ dispożizzjoni leġiżlattiva li tmur kontra dan tal-aħħar, anki jekk id-dispożizzjoni inkwistjoni ma tkunx ġiet implementata, iżda wkoll jekk huwa jistabbilixxi qafas leġiżlattiv li jmur kontra direttiva, anki jekk dan tal-aħħar ma jkunx għadu ġie applikat fir-rigward ta' każijiet konkreti.

28 Barra minn hekk, Stat Membru ma jistax jiġġustifika n-nuqqas ta' osservanza tad-dritt tal-Unjoni permezz tal-fatt li minn dan ma hija ser tirriżulta l-ebda konsegwenza negattiva, meta jkun jirriżulta minn diversi dokumenti li l-projbizzjoni kkontestata, ġaladarba tidħol fis-seħħ, tkun tiġġenera tali konsegwenzi.

29 Il-Kummissjoni tenfasizza wkoll li l-libertà tal-għażla tat-teknika leġiżlattiva li jgawdi minnha Stat Membru ma timplikax il-libertà li jadotta leġiżlazzjoni inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

30 Barra minn hekk, il-Kummissjoni tfakkar li hija bagħtet lir-Repubblika tal-Polonja l-opinjoni mmotivata tagħha qabel id-dħul fis-seħħ tal-projbizzjoni kkontestata, li kien ġie previst għat-12 ta' Awwissu 2008 u li, għaldaqstant, l-emenda mir-Repubblika tal-Polonja tad-data tad-dħul fis-seħħ ta' din il-projbizzjoni, li mbagħad ġiet stabbilita għall-1 ta' Jannar 2013, bl-ebda mod ma tinċidi fuq is-sustanza tal-ksur fil-kawża odjerna.

31 Sussegwentement, fir-rigward tal-possibbiltà ta' ġustifikazzjoni bbażata fuq il-moralità pubblika prevista fl-Artikolu 36 TFUE, il-Kummissjoni tenfasizza, preliminarjament, li r-Regolament Nru 1829/2003 jikkostitwixxi miżura ta' armonizzazzjoni kompleta fil-qasam tal-għalf immodifikat ġenetikament kif ukoll l-OMĠ maħsuba sabiex jintużaw fl-għalf. Għalhekk, miżura nazzjonali għandha tiġi evalwata fid-dawl mhux tad-dispożizzjonijiet tad-dritt primarju, iżda ta' dawk ta' din il-miżura ta' armonizzazzjoni.

32 Anki fil-każ li jsir użu mill-proċedura ta' emerġenza prevista fl-Artikolu 34 tar-Regolament Nru 1829/2003, li jagħmel riferiment għall-proċedura kumplessa li għandha tiġi segwita prevista mir-Regolament Nru 178/2002, meta jkun jeżisti riskju gravi għas-saħħa umana, is-saħħa tal-annimali jew l-ambjent, l-adozzjoni ta' miżuri adatti hija madankollu rriżervata għall-Kummissjoni u Stat Membru jkun awtorizzat jadotta miżuri provviżorji ta' protezzjoni biss fil-każ ta' nuqqas ta' azzjoni minn dik l-istituzzjoni.

33 Waqt li tesprimi dubji dwar il-fatt li Stat Membru jista', bħal f'dan il-każ, jinvoka l-eċċezzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 36 TFUE, il-Kummissjoni ssostni, barra minn hekk, li fi kwalunkwe każ, ir-Repubblika tal-Polonja ma wrietx, kif tirrikjedi l-ġurisprudenza stabbilita, li kienu ġew sodisfatti l-kundizzjonijiet li jippermettu deroga abbażi tal-Artikolu 36 TFUE.

34 F'dan ir-rigward, din l-istituzzjoni tallega li r-Repubblika tal-Polonja ma invokatx il-moralità pubblika b'mod awtonomu iżda li ħaltitha mal-ġustifikazzjoni bbażata fuq il-protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent. Barra minn hekk, dan l-Istat Membru ma weriex rabta bejn il-projbizzjoni kkontestata u l-moralità pubblika, u l-fatt li ma ġie ppreżentat l-ebda studju f'dan ir-rigward, skont il-Kummissjoni, imur kontra l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tistabbilixxi li Stat Membru ma jistax jibbaża ruħu fuq il-perspettiva ta' parti mill-opinjoni pubblika sabiex jikkontesta b'mod unilaterali miżura ta' armonizzazzjoni.

35 Fl-aħħar, filwaqt li tenfasizza li Stat Membru li jirrikorri għall-miżuri previsti fl-Artikolu 36 TFUE huwa obbligat, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li josserva l-prinċipju ta' proporzjonalità, il-Kummissjoni ssostni li l-projbizzjoni kkontestata hija, fi kwalunkwe każ, manifestament sproporzjonata.

36 Ir-Repubblika tal-Polonja tirrispondi li, f'dan il-każ, ma jistax jiġi kklassifikat bħala ksur tad-dritt tal-Unjoni s-sempliċi fatt li l-leġiżlatur nazzjonali adotta dispożizzjonijiet legali li ma daħlux fis-seħħ u li mhux ser jidħlu fis-seħħ.

37 F'dan ir-rigward, dan l-Istat Membru jikkontesta r-rilevanza tal-ġurisprudenza ċċitata mill-Kummissjoni insostenn tal-argumenti tagħha, billi jenfasizza li s-sentenzi inkwistjoni kienu jikkonċernaw biss sitwazzjonijiet li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni fuq ksur tad-dritt tal-Unjoni minn liġi nazzjonali viġenti fl-Istati Membri inkwistjoni, li ġustament ma huwiex il-każ fil-kawża odjerna.

38 L-effett ta' dan l-allegat ksur jista' eventwalment jimmaterjalizza wara l-iskadenza tal-*vacatio legis* indikat mil-liġi, u għalhekk wara perijodu sinjifikattiv, iżda dan huwa, skont ir-Repubblika tal-Polonja, ipotetiku peress li, sal-iskadenza tal-imsemmija *vacatio legis*, il-projbizzjoni kkontestata tista' terġa tiġi emendata jew imħassra mil-leġiżlatur Pollakk. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma tistax tibbaża l-proċedura prevista fl-Artikolu 258 TFUE fuq tali ksur possibbli u ipotetiku.

39 Filwaqt li tenfasizza l-libertà tal-Istat Membru li jagħżel it-teknika leġiżlattiva tiegħu, b'mod partikolari fir-rigward tat-terminu għad-dħul fis-seħħ ta' dispożizzjoni, ir-Repubblika tal-Polonja tikkonferma li l-kontestazzjoni, mill-Kummissjoni, ta' dispożizzjonijiet li għadhom ma daħlux fis-seħħ tista' twassal għal sitwazzjoni li fiha din l-istituzzjoni jkollha l-possibbiltà tikkontesta t-teknika leġiżlattiva li l-Istat Membru jkun jista' juża b'mod konformi mal-ordinament ġuridiku tiegħu, meta, fir-realtà, il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat tkun konformi mad-dritt tal-Unjoni.

40 Minn dan, ir-Repubblika tal-Polonja tikkonkludi li, sa fejn il-leġiżlazzjoni nazzjonali fis-seħħ tiżgura b'mod sħiħ il-possibbiltà li fil-qasam tal-għalf, jiġi mmanifatturat, ikkummerċjalizzat u użat għalf immodifikati ġenetikament u OMĠ maħsuba sabiex jintużaw fl-għalf, ma jeżisti l-ebda riskju ta' inċertezza legali kif tippretendi l-Kummissjoni.

41 Barra minn hekk, dan l-Istat Membru jsostni li l-imsemmi *vacatio legis* jirrifletti l-approċċ prudenti adottat mir-Repubblika tal-Polonja fir-rigward tal-użu ta' prodotti mmodifikati ġenetikament u li dawn id-dispożizzjonijiet ġew innotifikati b'mod konformi mal-proċedura prevista mill-Artikoli 17 sa 19 tar-Regolament Nru 1829/2003.

42 Fl-aħħar, fil-kontroreplika tagħha, ir-Repubblika tal-Polonja, għal finijiet informattivi, tiddikjara li l-liġi APA ser tiġi emendata mill-bidu tas-sena 2012, sabiex tipprovdi, b'mod partikolari, għall-estensjoni sal-1 ta' Jannar 2017 tal-*vacatio legis* tal-projbizzjoni kkontestata li, b'mod kuntrarju għal dak li ssostni l-Kummissjoni, ma hijiex ser tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2013.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

43 Preliminarjament, jeħtieġ li jiġi kkonstatat li r-Repubblika tal-Polonja tinvoka, bħala eċċezzjoni prinċipali, il-fatt li l-projbizzjoni kkontestata ma kinitx għadha daħlet fis-seħħ fil-mument tal-iskadenza tat-terminu stabbilit fl-opinjoni mmotivata u li, għaldaqstant ma kienx hemm ksur tad-dritt tal-Unjoni.

44 Il-Kummissjoni filwaqt li ma tikkontestax il-*vacatio legis* tal-punt 4 tal-Artikolu 15(1) tal-liġi APA, issostni madankollu li s-sempliċi fatt tal-adozzjoni u tal-pubblikazzjoni tal-imsemmija dispożizzjoni jikkostitwixxi, fl-opinjoni tagħha, nuqqas tar-Repubblika tal-Polonja li twettaq l-obbligi tagħha kif iddefiniti fir-Regolament Nru 1829/2003.

45 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ripetutament iddeċidiet li l-eżistenza ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu għandha tiġi evalwata skont is-sitwazzjoni tal-Istat Membru fl-iskadenza tat-terminu stabbilit mill-opinjoni mmotivata u li l-bidliet li jseħħu sussegwentement ma jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-17 ta' Jannar 2008, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, C-152/05, Ġabra p. I-39, punt 15, u tas-6 ta' Novembru 2012, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija, C-286/12, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).

46 Għandu jiġi kkonstatat li, b'mod konformi mal-imsemmija ġurisprudenza, id-data li għandha tmur lura għaliha l-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tevalwa l-eżistenza ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu attribwit lir-Repubblika tal-Polonja hija t-23 ta' Diċembru 2007.

47 Issa, f'dan il-każ, huwa stabbilit li, fi tmiem l-imsemmi terminu, il-projbizzjoni kkontestata ma kinitx fis-seħħ peress li, skont l-Artikolu 65 tal-liġi APA, din tal-aħħar kellha tidħol fis-seħħ sentejn wara l-pubblikazzjoni tagħha, jiġifieri fit-12 ta' Awwissu 2008, u għalhekk wara t-tmiem tat-terminu stabbilit fl-opinjoni mmotivata b'tali mod li hija ma setgħetx tikkostitwixxi s-suġġett ta' dan ir-rikors.

48 Ir-rikors tal-Kummissjoni jista' jintlaqa' biss jekk ir-Regolament Nru 1829/2003 kien jimponi madankollu, qabel id-data tat-12 ta' Awwissu 2008, l-osservanza ta' ċerti obbligi fuq ir-Repubblika tal-Polonja. Tali obbligi, fil-kuntest ta' din il-kawża, jimplikaw, b'mod partikolari, li l-Istati Membri jkunu marbuta li jiddeżistu milli jadottaw leġiżlazzjonijiet li jistgħu jipproduċu effetti negattivi li jmorru kontra l-għanijiet ta' dak ir-regolament anki qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Ottubru 2010, Il-Kummissjoni vs Malta, C-508/08, Ġabra p. I-10589, punt 21). Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni bl-ebda mod ma bbażat il-motivi mressqa insostenn tar-rikors tagħha fuq l-eżistenza ta' obbligi li jirriżultaw direttament mill-imsemmi regolament.

49 Barra minn hekk, fir-rigward tal-obbligi eventwali li jirriżultaw minn dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni, il-Kummissjoni ssostni ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali permezz tal-projbizzjoni kkontestata billi tirreferi għal diversi sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja.

50 F'dan ir-rigward, ikun suffiċjenti li jiġi kkonstatat li l-ġurisprudenza ċċitata mill-Kummissjoni tikkonċerna, minn naħa, sitwazzjonijiet li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fuq ksur tad-dritt tal-Unjoni mid-dritt nazzjonali viġenti fl-Istati Membri inkwistjoni, u, min-naħa l-oħra, it-traspożizzjoni ta' direttivi. Peress li dawn is-sitwazzjonijiet ma humiex identiċi għal dawk preżenti fil-kawża odjerna, il-Kummissjoni ma wrietx b'mod suffiċjentement preċiż li, fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ, kien hemm ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali.

51 Barra minn hekk, il-Kummissjoni lanqas ma invokat il-fatt li Stat Membru huwa suġġett, fil-kuntest ta' din il-kawża, għal obbligi oħra li ma ġewx osservati f'dan il-każ, bħal dawk li jirriżultaw, pereżempju, mill-prinċipju ta' lealtà sanċit fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4(3) TUE.

52 Fid-dawl ta' dak li ntqal, u mingħajr il-bżonn li tingħata deċiżjoni fuq l-ilmenti l-oħra ppreżentati kemm mill-Kummissjoni kif ukoll mir-Repubblika tal-Polonja, hemm lok li r-rikors tal-Kummissjoni jiġi miċħud.

Fuq l-ispejjeż

53 Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li l-Kummissjoni tilfet, hemm lok li tiġi kkundannata għall-ispejjeż, kif mitlub mir-Repubblika tal-Polonja.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.

Firem